18 ta' Marzu, 1950

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Emilia Taljana** *versus* **Ermelinda Meli et.**

## Diviżjoni — Spejjeż.

***Il-kondivident li jkun assistit u konsultat minn konsulent legali mqabbad minnu biss ma għandux dritt jobbliga lill-kondividenti l-oħra biex iħallsu sehem mill-onorarju ta' dak il-konsulent, jekk dan ikun ħadem fl-interess biss tal-kondivident li qabbdu, u mill-opera tiegħu ebda vantaġġ ma ġieħdu l-kondividenti l-oħra.***

Il-Qorti — Wara li rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuti li jħallsuha £5 kull wieħed bħala kontribuzzjoni ta' sehemhom li huma obbligati jħallsu mis-somma ta' £25 li l-attriċi ħallset lill-konsulent legali minnha mqabbad biex jassistiha u jikkonsultaha fl-okkażjoni tal-qasma tal-ġid immobbli mill-ġenituri komuni tal-kontendenti, li saret fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle fis-26 ta' Lulju 1949. Bl-ispejjeż:

*Omissis*.

Rat is-sentenza tas-17 ta' Frar 1950 tal-Qorti Civili tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta, li cahdet it-talba ta' l-attrici, bl-ispejjez; billi kkunsidrat;

Illi l-perit legali kkonkluda ghall-eskluzjoni tad-domanda attrici, fuq il-motivi illi l-konvenuti ma raw ebda inkariku, la esplicitu u lanqas implicitu, lill-konsulent legali ta' l-attrici, u ma rrizultax illi dan il-konsulent legali ghamel xi prestazzjonijiet li avvantaggjaw lill-konvenuti b'mod li l-istess kienu essenzjali ghall-konkluzjoni tad-divizjoni in kwistjoni;

Illi dina l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-perit legali. Infatti irrizulta mill-provi illi Dottor Borg Grech, konsulent legali ta' l-attrici, ma kien ircieva ebda nkariku, la direttament u lanqas indirettament, minn ghand il-konvenuti; tant li huwa stess iddikjara, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 1950, illi huwa "ha l-parti u ddefenda l-interessi ta' l-attrici esklusivament"; u ghalhekk dana seta' jaghmlu biss in kwantokkè ma kienx ircieva ebda inkariku minn ghand il-konvenuti. Mill-istess dikjarazzjoni jirrizulta illi l-opera tieghu ma gietx zvolta b'ebda mod fl-interess tal-konvenuti, u ghalhekk huma ma rrikavaw ebda beneficcju minnha, u d'altronde kellhom il-konsulent legali proprju biex jfittxilhom l-interessi taghhom;

Rat in-nota ta' l-appell u c-citazzjoni ta' l-attrici, li biha l-attrici talbet li s-sentenza fuq imsemmija tigi revokata, u tigi milqugha t-talba taghha, bl-ispejjez;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi r-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata u fir-relazzjoni tal-perit legali jwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha waslet il-Qorti Civili Inferjuri fis-sentenza taghha; u dina l-Qorti taqbel maghha. U tabilhaqq, l-Avukat Dr. Borg Grech kien imqabbad mill-attrici biss u fl-interess taghha biss, u kull ma ghamel ghamlu fl-interess taghha, u l-konvenuti kellhom id-difensur taghhom, u ma kellhomx bzonn tad-difensur ta' l-attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ta' l-ewwel Qorti, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez kontra l-appellanti.